# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 1491/99/SM**

**Marie Louise Farrugia**

**vs**

**Carmel Attard**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-istanti s-somma ta' LM467.87,0 danni lilha minnu kkagunati f'incident stradali li gara l-Hamrun fit-2 ta' Gunju ta' l-1999 bejn car Peugeot numru AAO-609 misjuqa mill-istanti u car Ford Escort numru EAU-991 misjuqa minnu – prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli tal-incident u danni minhabba imperizja,**

**negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez komprizi LM16.00,0 ta' ittra ufficjali u konsult, dawk tal-ittra ufficjali lill-assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. It-talba attrici ghandha tkun respinta stante l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara unikament htija ta' l-istess attrici;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tas-6.30 p.m. tat-2 ta' Gunju ta' l-1999 fit-"traffic lights" ta' Blata l-Bajda hdejn fejn jisbokka l-"fly-over" fid-direzzjoni tal-Belt;**

**2. Illi l-vetturi involuti fl-incident de quo kienu dik tal-marka Peugeot bin-numru AAO-609 misjuqa mill-attrici Marie Louis Farrugia u dik tal-marka Ford bin-numru EAV-991 misjuqa mill-konvenut Carmel Attard;**

**3. Illi ghalkemm il-kollizjoni kienet wahda ferm evitabbli z-zewg sewwieqa kategorikament**

jaffermaw li huma pprosegwew fuq it-"traffic lights" meta xeghel il-kulur ahdar;

4. Illi pero' l-versjoni ta' l-attrici hi konfortata minn xhieda okulari u mill-fatt li l-istess konvenut biddel il-versjoni originali tieghu min dik moghtija lill-pulizija a tempo vergine ghal dik rizervata ghall-qorti odjerna;

5. Illi d-danni sofferti mill-attrici jammontaw ghall-erba' mija, seba' u sittin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu, (LM467.87,0);

Ikkonsidrat:

Illi in vista tax-xhieda ta' l-attrici kif konfortata, din il-qorti hi propensa li tiskarta ghal kollox il-versjoni tal-konvenut u tibbaza ruha fuq dik ta' l-attrici;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess filwaqt li tiskarta t-talbiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenut Carmel Attard responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' erba' mija u seba' u sittin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu, (LM467.87,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Carmel Attard biex ihallas l-ammont ta' danni hekk sofferti mill-attrici lill-istess attrici Marie Louise Farrugia, bl-ispejjez u imghaxijiet.

John Farrugia
Deputat Registratur